MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 155/2004

**A**

**vs.**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fir-Registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Mejju, 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur kien mizzewweg lill-konvenuta kif juri c-certifikat taz-zwieg anness bhala Dok. "A"; minn dan iz-zwieg twieled tifel B li llum ghandu sitt (6) snin – Dok. "B" huwa certifikat tat-twelid;

Illi l-attur huwa separat mill-konvenuta permezz ta' kuntratt datat 26 ta' April 2001 fl-atti tan-Nutar Rachel Mallia anness bhala Dok. "C";

Illi skond l-istess kuntratt il-minuri suppost li jghix f'Malta u jmur ir-Russja hdejn il-konvenuta fil-vaganzi tas-Sajf, Milied u Ghid, il-kura u kustodja tat-tifel skond l-istess kuntratt hija fdata f' idejn iz-zewg partijiet;

Illi l-minuri li llum ghandu sitt (6) snin kellu passaport Malti anzi kellu izjed min wiehed – qed jigu annessi kopji shah ta' zewg pasaaporti (l-original jista' jintwera fuq rikjesta) li skadew Dok. "D" u Dok. "E". L-omm kienet qalet li tilfet l-ahhar passaport li kellu t-tifel;

Illi f'Gunju 2001 it-tifel minuri kien mar mal-konvenuta li kienet nizlet Malta biex tiehdu maghha fir-Russja ghall-access skond l-istess kuntratt fil-vaganzi tas-Sajf;

Illi l-konvenuta ma rritornatx lit-tifel kif kienet obbligata taghmel u minflok serqitu u zammitu fir-Russja. Ghalxejn kienu l-isforzi legali fir-Russja sabiex it-tifel jigi ritornat. L-attur kien maqbud f'sistema li tiffavorixxi lil mara ghax hi Russa u sal-lum il-kaz ghadu ma giex risolt;

Illi issa l-attur irid li jerga jinhareg il-passaport Malti u li din l-Onorabbli Qorti tordna li l-konvenuta tigi ordnata terga tirritorna lil minuri f'Malta u fin-nuqqas tinghata ordni sabiex il-missier jiehu lura lil ibnu li gie mehud u mizmum ir-Russja illegalment;

Illi l-attur jixtieq li t-tifel jingieb Malta u ghalhekk jitlob varjazzjoni fil-kuntratt a' separazzjoni u dan fl-aqwa interess tat-tifel minuri;

Illi f'dan il-kaz ma hemmx lok ta' medjazzjoni *stante* li l-konvenuta kisret il-kondizzjonijiet tal-kuntratt u llegalment zammet lit-tifel ir-Russja minghajr ma rritornatu kif suppost;

Illi dina l-Onorabbli Qorti awtorizzat lill-esponent sabiex jagixxi permezz ta' digriet tal-11 ta' Marzu 2004 – Dok. "DIG";

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

Prevja kull dikjarazzjoni li tkun necessarja tordna li t-tifel minuri B jigi ritornat Malta ma' missieru skond kif jindika l-kuntratt anness datat 26 ta' April 2001 fl-atti tan-Nutar Rachael Mallia;

Tordna lill-Ufficjal tal-Passaporti johrog passaport iehor tal-minuri u jikkonsenjah lill-attur sabiex it-tifel ikollu l-possibilita' li jingieb Malta skond il-kondizzjonijiet tal-kuntratt;

Tordna li l-kuntratt ta' separazzjoni jigi varjat sabiex l-esponent jinghata wahdu l-kura u kustodja tal-minuri B u kull access tal-konvenuta ghat-tifel jigi ristrett biex isir f'Malta biss biex b' hekk it-tifel ma jkunx jista' jigi imsiefer minn Malta minghajr il-permess bil-miktub tal-attur;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u fol. 4 tal-process.

Rat ir-rikors ta' B datat 11 ta' Marzu 2004, a fol. 30, fejn talab umilment lil din il-Qorti joghgobha tahtar kuraturi deputati sabiex jippresentaw lill-assenti B Micallef.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 28 ta' Mejju 2004, fejn gew innominati Dr. Tonio Azzopardi u l-P. L. Liliana Buhagiar bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fis-27 ta' Lulju 2004 fejn il-Qorti ppefiggiet lill-partijiet tlettin (30) gurnata sabiex jipprezentaw l-provi kollha li jistghu permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-Avukat Generali u d-Direttur tar-Registrazzjoni Civili datata 2 ta’ Settembru 2004 a fol. 42 tal-process ecceppew bir-rispett:

1. Illi huma in kwantu ghat-talbiet kollha, l-Avukat Generali gie imharrek inutilment u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi fir-rigward ta’ l-ewwel u t-tielet talba d-Direttur tar-Registrazzjoni Civli m’huwiex il-legittimu kontradittur *stante* illi huwa estraneju ghall-mertu ta’ dawk it-talbiet;

3. Illi in kwantu ghat-tieni talba, l-Ufficjal inkarigat mill-Passaporti jista’ biss johrog passaport lill-minuri B Micallef jekk ikun hemm osservanza tar-rekwiziti tal-hrug ta’ tali passaport skond il-ligi u huwa certament ma jistax jigi ordnat li johrog passaprt bi ksur ta’ tali rekwiziti;

4. Illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-esponenti li ghaldaqstant m’ ghandhomx jigu soggetti ghall-ispejjez ta’ l-istanti;

5. Illi salv’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti l-Avukat Generali u d-Direttur tar-Registrazzjoni Civili u l-lista tax-xhieda a fol. 43 u 44 tal-process.

Rat in-nota tal-attur datata 15 ta’ Settembru 2004, li permezz taghha pprezenta l-affidavit ta’ Mae Micallef, Maria Angela Axisa, Simone Borg, Stefan Farrugia, B u Dr. Edward Debono. Permezz tal-istess nota prezenta wkoll dokumenti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati Dr. Tonio Azzopardi u l-P.L. Liliana Buhagiar datata 24 ta’ Settembru 2004, a fol. 77 fejn ecipew bir-rispett:

1. Illi l-eccipjenti m’ humiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk qieghdin jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati u l-lista tax-xhieda a fol. 77 u 78 tal-process.

Rat il-verbal datat 20 ta' Jannar 2005, fejn Dr. Ray Zammit ghall-attur iddikjara li ma ghandux provi izjed. Dr. Roma D' Alessandro ghad-Dipartiment tar-Registru Pubbliku u ghall-Avukat Generali tat ruhha b' notifikata bl-affidavit attrici u rrimett ruhha ghall-provi.

Rat il-verbal datat 27 ta' Jannar 2005, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Frar 2005.

Rat ix-xhieda prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-partijiet A u B Micallef jirrizulta li sseparaw bonarjament fis-26 ta' April 2001 skond kuntratt pubbliku ppublikat minn Nutar Rachel Bonello wara d-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti hawn Malta permezz tas-Sekond'Awla tal-Qorti dak in-nhar presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri.

Illi l-istess koppja kellha tifel bl-isem B li dwaru sar ftehim bejn l-partijiet abbazi ta' dak provdut fl-artikolu 8 ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni fejn *inter alia* l-genituri stess ta' l-istess minuri qabblu l-istess kura u kustodja tal-minuri kellha tkun kongunta bejniethom, pero' l-istess minuri kellu jibqa' jghix Malta ma' missieru, izda kellu jkun ghall vagnazi ma' ommu u dan fir-Russja; skond l-istess kuntratt jidher ukoll li l-partijiet qabblu wkoll li l-istess tifel kellu jitrabba skond ir-religjon kattolika rumana w ukoll kellu jiehu privat fil-lingwa Russa u l-konvenuta, mart l-attur, obbligat ruhha li sakemm l-istess minuri jaghlaq 18 il-sena hija ma' kellhix tapplika ghal citadinanza Russa ghal l-istess tifel. Dan il-ftehim gie wkoll spjegat f'din il-kawza mil-lat legali wkoll mill-konsulent ta' l-attur f'dak iz-

zmien l-avukat Dr. Edward DeBono, u din il-Qorti tirreferi ghall-affidavit tieghu datat 2 ta' Settembru 2004. Jirrizulta wkoll li sabiex ghamlet l-istess kuntratt l-istess konvenuta kienet assistita minn Dr. Ena Cremona.

Illi jirrizulta li meta l-istess minuri mar ir-Russja sabiex iqatta' l-vaganzi tas-sajf ma' ommu skond l-istess kuntratt, l-istess minuri ma' giex ritornat Malta, u dan huwa kkonfermat mix-xhieda kollha prodotta u dwar dan sar ukoll rapport lill-Pulizija Malta; dan gara kollu minkejja l-fatt li kif jirrizulta mix-xhieda kollha esebita, inkluz mir-rapport t' l-iskola fejn kien jattendi u wkoll mis-social worker ta' l-Agenzija Appogg, li l-istess minuri kien adatta ruhhu ghall-hajja f'dan il-pajjiz, u fuq kollox din jidher li kienet ix-xewqa tal-genituri tieghu stess tant li l-istess kuntratt ta' separazzjoni iffirmat mill-istess konvenuta assenti pprovda ghal dan, billi sar ftehim, il-Qorti tifhem fl-interess tal-minuri, li l-istess minuri kellu jitrabba hawn Malta, hlief ghall-access ghal ommu fil-vaganzi.

Illi ma' hemm l-ebda dubju li meta l-istess konvenuta assenti ma rritornatx l-istess minuri hawn Malta wara l-vaganzi hija kisret l-istess ftehim, u dan jidher li ghamlitu b'xelta unilaterali taghha, b'dan li litteralment zammet ghandha l-istess minuri; din il-Qorti thoss li dan fih innifsu ma' huwiex fl-interess ta' l-istess minuri li b'forza gie maqlugh mill-ambjent tieghu fejn kien qed jghix f'dan il-pajjiz, u certament li cahdet lill-istess minuri minn kull kuntatt ma' missieru; jidher li minkejja dan kollu l-posizzjoni ghada l-istess illum, u ma' hemm l-ebda dubju li almenu mix-xhieda prodotta f'din il-kawza, dan huwa kontra l-interess u l-*benessere* ta' l-istess minuri. Hawn issir referenza partikolari ghar-rapport ta' l-Agenzija Appogg.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li fl-ewwel lok ghandha tigi milqugha t-tielet talba attrici, u dan *stante* li l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri ghandha tigi fdata f'idejn l-attur missieru, u dan ghaliex huwa fl-interess tal-minuri li jibqa' jitrabba fil-post fejn l-istess minuri jirrizulta li kien abitwalment residenti qabel ma' ommu, l-konvenuta assenti, impeditu unilateralment milli jirritorna Malta, u dan

bi ksur ta' kull klawsola tal-kuntratt ta' separazzjoni premess li l-istess konvenuta iffirmat; kull access tal-minuri mill-omm ghandu jigi ristrett ghal Malta biss u jigi determinat meta ssir applikazzjoni *ad hoc* ghal tali access mill-omm, meta l-istess minuri jigi rritornat Malta.

Illi dan qed issir ukoll abbazi ta' l-**artikolu 61, tal-Kap 16** li jaghti l-fakolta' lill-Qorti li tannulla kull ftehim dwar il-kustodja tat-tfal li setgha jkun intlahaq bejn il-mizzewgin, jekk ikun hekk mehtieg ghall-gid tal-istess tfal, u ghalhekk din il-Qorti qed tordna li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri tibqa' esklussivament f'idejn il-missier *stante* li bl-att li ghamlet l-istess konvenuta agixxiet kontra l-interess tal-minuri, tant li skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 154 (1) (b) tal-Kap 16,** il-Qorti thoss li minhabba dan l-agir tal-konvenuta, hija kkawzat hsara lit-trobbija tal-istess minuri, u ghalhekk hemm lok li l-attrici tigi wkoll mnehhija minn kull setgha fuq l-istess minuri, u tordna minflok li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri indikat f'dawn l-atti skond kif provdut ukoll fl-**artikolu 131 tal-Kap 16** tigi vestita u ezercitata esklussivament mill-istess attur B. Mill-bqija din il-Qorti tirreferi ghal dak li wkoll inghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Edwin Schembri vs Dr. Tonio Azzopardi et nomine"** (P.A. (RCP) 14 ta' Ottubru 2003) anke dwar il-provvedimenti tal-**Kap 410 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi konsegwenti ghall-agir abbusiv tal-konvenuta assenti l-ewwel talba wkoll ghandha tigi milqugha, u it-tieni talba wkoll ghandha tigi milqugha b'dan ovvjament li kollox issir konformi mal-ligi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkantu l-istess huma b'xi mod inkompatabbli ma' dak premess, u filwaqt li tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenut l-Avukat Generali, u tichad l-ewwel u t-tielet talba attrici fil-konfront tal-konvenut l-iehor id-Direttur ghar-Registrazzjoni Civili u b'hekk tilqa' it-tieni eccezzjoni ta' l-istess Direttur tar-Registrazzjoni Civili, **tilqa' t-talba attrici** biss fis-sens hawn deciz, b'dan illi:-

1. Tordna li t-tifel minuri B jigi ritornat Malta ma' missieru skond kif jindika l-kuntratt anness datat 26 ta' April 2001 fl-atti tan-Nutar Rachael Mallia u dan ghaliex huwa fl-interess ta' l-istess minuri li dan issir;

2. Tordna lill-Ufficjal tal-Passaporti johrog passaport iehor tal-minuri u jikkonsenjah lill-attur sabiex it-tifel ikollu l-possibilita' li jingieb Malta skond il-kondizzjonijiet tal-kuntratt, b'dan pero' li r-rekwiziti kollha tal-ligi ghall-hrug ta' l-istess passaport ghall-minuri jigu osservati;

3. Tilqa' din it-talba u tordna li l-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet jigi varjat fl-interess ta' l-istess minuri fis-sens li l-kura u kustodja tal-minuri B B tigi fdata f'idejn esklussivament tal-missier ta' l-istess minuri, l-attur odjern, u dan ghaliex huwa fl-interess suprem ta' l-istess minuri li jibqa' jitrabba fil-post fejn l-istess tifel jirrizulta li kien abitwalment residenti qabel ma' ommu, l-konvenuta assenti, impeditu unilateralment milli jirritorna Malta, u dan bi ksur ta' kull klawsola tal-kuntratt ta' separazzjoni premess li l-istess konvenuta iffirmat. Tordna wkoll lil kull access tal-minuri mill-omm ghandu jigi ristrett ghal Malta biss u jigi determinat u dettaljat biss mill-Qorti kompetenti meta ssir applikazzjoni *ad hoc* ghal tali access mill-omm, meta l-istess minuri jigi rritornat Malta

Illi dwar l-ispejjez, din il-Qorti tordna li l-ispejjez ta' l-Avukat Generali u d-Direttur tar-Registrazzjoni Civili ghandhom jithallsu mill-attur proprju, filwaqt li l-ispejjez l-ohra kollha ghandhom jibqghu a karigu tal-konvenuta assenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------